ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

StudentBounty.com

**IR-RABA' SENA** **L-ISTORJA (ĠENERALI)** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**1. Agħmel sinjal taħt il-kelma li l-aktar toqgħod għal dawn is-sentenzi.**

1.1 Il-ħakma Ingliża fuq Malta bdiet uffiċjalment fl-(*1798, 1800, 1813*).

1.2 Matul il-ħakma Ingliża l-Maltin kienu jipprotestaw permezz ta' (*demostrazzjonijiet, petizzjonijiet, irvellijiet*).

1.3 Il-Palazz tal-Gran Mastri fil-Belt beda jintuża mill-(*Isqof, Ammirall, Gvernatur*) ta' Malta.

1.4 Bil-libertà tal-istampa (*daħal id-dritt tal-vot, tneħħiet iċ-ċensura, Malta ngħatat Kunsill tal-Gvern*).

1.5 Id-deni rqiq kien jittieħed (*mill-arja mniġġsa, mid-drenaġġ, mill-ħalib tal-mogħoż*).

1.6 Il-Mandraġġ kien il-post fejn kienu marru jgħixu (*il-familji foqra, il-baħrin, it-tarznara*).

1.7 Il-Rapport ta' Keenan ta bidu għall-(*partiti politiċi, Kwistjoni tal-Lingwa, edukazzjoni obbligatorja*) f'Malta.

1.8 Bil-Kostituzzjoni tal-1921 il-Maltin kisbu *(l-indipendenza, l-'integration', l-awtonomija)* mill-Ingilterra.

1.9 Ġorġ Borg Olivier kien l-ewwel Prim Ministru ta' Malta (*awtonoma, ħielsa, indipendenti*).

1.10 Dom Mintoff kien l-ewwel Prim Ministru ta' Malta (*Ewropea, newtrali, indipendenti*).

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**2. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**



**Sors A**



**Sors B**

2.1 Identifika d-difiża li tidher f'sors A. ________________________________________ (1)

2.2 Għal liema persunaġġ ġie msemmi dan il-bini?

________________________________________________________________________ (1)

2.3 Għaliex inbniet din is-sistema ta' difiża?

________________________________________________________________________ (2)

2.4 Din is-sistema ta' difiża kienet imsaħħa bil-bini ta' xi fortizzi bħal dik li hemm f'sors B.

Semmi tnejn minnhom.

______________________________ ______________________________ (2)

2.5 Għaliex din is-sistema ta' difiża qatt ma ntużat fi żmien ta' gwerra jew ta' attakk mill-għadu?

________________________________________________________________________ (2)

2.6 Ħares lejn il-fortizza f'sors B. Għid b'liema mod l-Ingliżi kienu jarmaw fortizza bħal din biex tkun lesta għall-ġlied?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2)

2.7 Għaliex l-Ingliżi kienu jonfqu ħafna flus biex jiddefendu lil Malta?

________________________________________________________________________ (1)

2.8 Għaliex l-Ingliżi kienu jagħtu importanza kbira lid-difiża tal-Port il-Kbir? Agħti **żewġ** raġunijiet.

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2.9 X'tip ta' armament mhux tas-soltu tqiegħed fil-Forti Rinella u fil-Forti Cambridge?

_______________________________________________

2.10 X'kienet ir-raġuni ewlenija għala bnew dawn iż-żewġ fortizzi?

_______________________________________________ (1)

2.11 Semmi użu li qed isir illum mill-fortizzi u mill-fortifikazzjonijiet ta' żmien l-Ingliżi?

_______________________________________________ (1)

2.12 Semmi **żewġ** modi kif il-bini ta' dawn il-fortifikazzjonijiet affettwa l-ħajja tal-Maltin?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

2.13 X'jista' jikkawża ħsara lil dawn il-fortifikazzjonijiet?

_______________________________________________ (1)

**(Total: 20 marka)**

**3. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

'L-ewwel ġebla tal-Isptar ta' St Luke tpoġġiet f'April tas-sena 1930. Il-Gvern kien ilu żmien iħoss il-bżonn ta' sptar modern u sa fl-aħħar inħoloq fond għal dan. Beda x-xogħol li kaxkar fit-tul iżda kellu jieqaf. Fl-1945 ix-xogħol reġa' beda imma l-isptar b'450 sodda, li kien jidher kbir biżżejjed fl-1930, issa beda jidher żgħir.

Fl-għoxrinijiet u t-tletinijiet kienet għarukaża jekk xi ħadd jibgħat lil niesu fl-isptar, jekk mhux għal xi operazzjoni. Niftakar bosta nies li, meta kien jagħtihom xi ħass ħażin ikrah jew xi marda titfagħhom f'qiegħ ta' sodda, kienu jagħtu ħarsa ta' ħniena lil tal-familja u jgħidulhom: "Tibagħtunix l-isptar!"'

**Sors C.** (Adattata minn Herbert Ganado: *Rajt Malta Tinbidel* vol. 3)

3.1.1. Min ħa l-inizzjattiva biex jinbena l-isptar San Luqa, il-Gvern Ingliż jew il-Gvern Malti?

_______________________________________________ (1)

3.1.2. Għaliex taħseb hekk?

_______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3.2 Għaliex taħseb li kien hemm bżonn ta' sptar ġdid?

______________________________________________

3.3 Għaliex taħseb li kellu jieqaf ix-xogħol fuq dan il-proġett u kompla fl-1945?

______________________________________________ (1)

3.4 Għaliex taħseb li l-isptar beda jinħass li hu żgħir wara l-1945?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

3.5 Mill-aħħar paragrafu tas-sors x'konklużjonijiet tagħmel fuq kif kienu jaħsbuha l-Maltin fuq is-saħħa?

______________________________________________ (2)

3.6 Semmi **żewġ** problemi li kellhom jiġu solvuti biex titjieb l-iġene u s-saħħa tal-poplu Malti.

______________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

**4. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Meta d-dinja qed titgħarrar
Gwerra d-demm għad-drittijiet...
Biex takkwista f'dan is-seklu
Verament libertajiet...

Tridu festi liema bħalhom
Bl-akbar ferħ kull allegrija?
'Tuna l-ewwel dak li ħaqqna
Libertà...L-Awtonomija!...
U mingħajr ma titolbuna
Nagħmlu festi kif triduna!

**Sors D.** *Il-Ħmar*, 17 ta' Mejju 1919.

4.1 X'taħseb li kienet *Il-Ħmar* li s-sors D hu meħud minnu?

______________________________________________ (1)

4.2 X'taħseb kien l-iskop tal-awtur biex kiteb dawn il-versi?

______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4.3 Għal liema gwerra qed jirreferi l-awtur fit-tieni linja? ______________________ (1)

4.4 X'kien is-sehem ta' Malta f'din il-gwerra?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

4.5 X'diffikultajiet ħabbtu magħhom il-Maltin wara din il-gwerra?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4.6 Min ried li l-Maltin jagħmlu festa u għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4.7 X'tifhem bil-kelma 'awtonomija' fit-tmien vers ta' sors D?

______________________________________________________________________ (2)

4.8 Vers 7 jgħid "*tuna l-ewwel dak li ħaqqna*". X'riedu verament il-Maltin?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4.9 Din il-kitba wasslet għal irvellijiet importanti ftit taż-żmien wara. Liema kienu dawn l-irvellijiet? Għid fi ftit kliem x'ġara fihom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1,4)

4.10 Kif ix-xewqa tal-awtur saret realtà fl-1921?

______________________________________________________________________ (1)

**(Total: 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. **Aqra sewwa din is-silta dwar it-tmexxija ta' Malta mill-Ingliżi u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

StudentBounty.com

Meta l-Ingliżi ġew Malta l-Maltin xtaqu ħafna li jkollhom xi forma ta' kostituzzjoni, iżda damu sal-1849 biex ħadu Kunsill tal-Gvern li kien jippermetti li jagħżlu l-membri b'elezzjoni. Din il-kostituzzjoni ġiet imtejba b'dik tal-1887. Iżda din il-kostituzzjoni ġiet sospiża fl-1903. Kien biss wara l-Ewwel Gwerra u l-Irvellijiet tas-*Sette Giugno* li l-Maltin ħadu l-Kostituzzjoni tal-1921. Din kienet kostituzzjoni ferm aħjar minn dawk li kienu ngħataw fis-seklu 19.

**Sors E**

5.1 Xi jfissru dawn il-kliem li qegħdin fis-silta ta' sors E?

(a) Kostituzzjoni ______________________________

(b) elezzjoni ______________________________

(c) Kunsill tal-Gvern ______________________________ (3)

5.2 Xi dritt akkwistaw ċerti Maltin bil-Kostituzzjoni tal-1849?

______________________________ (1)

5.3 Bil-Kostituzzjoni tal-1849 kien hemm (*8, 10, 12)* membri eletti u (*8, 10, 12)* membri uffiċjali. (2)

5.4 Għaliex il-Kostituzzjoni tal-1887 kienet pass 'il quddiem fuq dik tal-1849?

______________________________ (2)

5.5 Għaliex din il-Kostituzzjoni tal-1887 ġiet sospiża fl-1903?

______________________________ (2)

5.6 Għaliex il-Kostituzzjoni tal-1921 kienet ferm aħjar minn dawn kollha ta' qabilha?

______________________________ (2)

**(Total: 12-il marka)**

6. **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar l-emigrazzjoni.**

6.1 Għaliex ħafna Maltin kellhom jemigraw fis-seklu 19?

______________________________ (1)

6.2 Semmi **żewġ** postijiet li kienu popolari magħhom dak iż-żmien.

________________ ________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

6.3 X'diffikultajiet kienu jiltaqgħu magħhom il-Maltin meta jmorru f'dawn l-artijiet? Semmi **tnejn**.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

6.4 Kif kien jgħinhom il-Gvern Ingliż biex jemigraw?

______________________________________________________________________ (1)

6.5 Fis-seklu 20 liema postijiet saru iżjed popolari għall-emigranti Maltin. Semm **tnejn** minnhom.

______________________________ ______________________________ (2)

**(Total: 8 marki)**

**7. Agħżel tema WAĦDA minn dawn u ikteb fit-tul dwarha.**

1. X'tifhem bil-frażi Rivoluzzjoni Industrijali? Ikteb għaliex din ir-rivoluzzjoni bdiet fl-Ingilterra u għid kif affettwat lill-poplu Ingliż kemm b'mod pożittiv kif ukoll b'mod negattiv.

2. Kieku kont tgħix f'Malta matul it-Tieni Gwerra Dinjija, spjega kif din il-gwerra kienet se taffettwalek ħajtek.

3. Ikteb paragrafi qosra fuq kull wieħed minn dawn l-aspetti tal-ħajja soċjali tal-Maltin fi żmien l-Ingliżi:

   (a) l-edukazzjoni

   (b) il-Kwistjoni tal-Lingwa

   (c) it-trasport

   (d) id-divertiment

**(Total: 20 marka)**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers